MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2011

Numru. 94/2003

**IL-PULIZIJA**
**SPEETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**RONALD MUSCAT ta' 54 sena, iben Edward u Ludgarda nee' Bartolo, imwieled il-Belt Valletta nhar id-09.12.1956, residenti fil-fond Sirens Courts, Flat 1, Triq Efesu, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 803556M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **RONALD MUSCAT** li gie akkuzat talli nhar it-13 ta' Jannar, 2002 u fiz-zmien ta' qabel, u dak ta' wara, fil-fond The Cockerel Bar, li jinsab San Pawl il-Bahar, u fi bnadi ohra ta' dawn il-

Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

Fl-istess perjodu biegh, biddel, ghamel, ippossjeda, biegh jew xtara xi apparat li bih kien jista' jikkommetti kontra l-Ligi ma' sistema ta' telekomunikazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess perjodu, volontarjament qata', kisser, waqqa', iddistrugga, ghamel hsara jew nehha batterija, makkinarju fil-gumna, arblu jew materjal iehor jew kull haga ohra li taghmel parti minn telegrafu elettriku jew manjetiku, bil-fili jew minghajr fil, jew li tkun uzata jew li sservi f'dan it-telegrafu, jew fit-thaddim tieghu, jew ghamel xi haga li zzomm jew tfixkel b'xi mod iehor il-moghdija minnn banda ghal ohra ta' messagg, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 326 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar, fuq talba tar-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet, talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, ipprovda servizz ta' telekomunikazzjoni jew installa jew haddem infrastruttura ta' nstallazzjoni taht u skond xi disposizzjoni ta' l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni jew bi vjolazzjoni jew ksur ta' xi patt, kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni mposti minn jew taht l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjonijiet jew l-istrument li jkun fih l-awtorizzazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 399(1)(a) tal-Kapitolu 39 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar, fuq talba tar-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet, talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, biegh jew offra ghall-bejgh, jew ipprovda, jew installa, jew uza xi nstallazzjoni jew apparat li ma kienx konformi ma' dawk l-standards teknici jew specifikazzjonijiet hekk mehtiega jew stabbiliti minn jew taht l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjonijiet, jew li kien jaf, jew kellu raguni valida ghaliex jobsor li kienu difettuzi jew inkompatibbli mas-servizzi li jkunu nbieghu, gew provduti, installati jew uzati ghalihom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 39(1)(b) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar, fuq talba tar-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet, talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, uza xi sistema jew apparat ta’ telekomunikazzjonijiet provduti minn proveditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih kien gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn proveditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir, jew ghamel uzu minnu mhux sew, u dan bi ksur tal-Artikolu 39(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq bi hsara ta’ Joseph Camilleri u diversi persuni ohra, dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (folio 13), kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni minn naha ta’ l-imputat ghall-istess.

Rat l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat fl-istadju ta’ l-interrogatorju u dan wara li nghata zmien sabiex jahseb fuq l-istess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat **<u>Ronald Muscat</u>** hati tal-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, dan wara li rat l-Artikoli 298A, u 326 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta, l-Artikolu 39 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u kif ukoll l-Artikolu 17 tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; Tikkundannah ghal sitt(6) xhur habs sospizi ghal sena(1), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------